**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar , 2016

Rikors Nru : 438/15 AL

**AB**

**vs**

**Avukat Christopher Chircop u l-PL Francesco Catania nominati b'digriet tal-10 ta' Novembru 2015 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata CD fl-10 ta' Marzu 1990, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (Kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 20 ta' Mejju 1991, in atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, liema kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;
3. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda ulied u ma tezisti l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment bejniethom.
4. Illi r-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi ghaddew oltre erba` snin mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.
6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' CD hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2015 ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu ;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Mejju 1991 ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.